**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 14 ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru 101/2021**

**Shilo Curmi**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Shilo Curmi** ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

1.1. *Illi l-esponent applika mal-Kummissarju intimat sabiex tinħariġlu liċenza ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta). L-applikazzjoni iġġib in-numru ta' referenza PG/1105/2021.*

1.2. *Illi permezz ta' ittra datata 18 t'Awwissu 2021 ("Dok SC 1"), liema ittra ġiet notifikata bl-id lill-esponent fis-7 ta' Settembru 2021 ("Dok SC 2"), il-Kummissarju intimat iddeċieda is-segwenti:*

> *"Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rifjutata fl-interess pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 10(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta).*
>
> *Dan qed iseħħ wara li ġew ikkunsidrati diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħek mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u mill-Qorti tal-Appell Ġudikatura Kriminali (sic), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, liema sentenzi meta meqjusa fl-intier tagħhom jirrendu l-applikazzjoni tiegħek mhux idoneja sabiex tintlaqa' fl-interess pubbliku".*

1.3. *Illi l-Kummissarju intimat imbagħad irrefera għas-segwenti in ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni illi huwa ħa fil-konfront tal-applikazzjoni tal-esponent:*

*"1. Nhar it-28 ta'Novembru 2013 dwar vjolenza domestika, fost akkużi oħra*

*u*

*2. Diversi akkużi oħra bejn is-sena 1999 u is-sena 2016".*

***Illi l-esponent iħossu aggravat minn din id-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat u minnha qed jinterponi dan l-umili appell. L-aggravji kontra din id-deċiżjoni huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:***

## 2. *L-EWWEL AGGRAVJU: Id-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat tmur lil hinn mill-Liġi*

2.1. *Illi qari akkurat tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta) huma ta' importanza kruċjali fil-konsiderazzjoni ta' dan l-appell.*

2.2. *Illi sa fejn irid li applikazzjoni tiġi riġettata a bażi tal-fatt li l-applikant ikun instab ħati ta' reati fil-passat, il-leġislatur jittratta dan fis-subinċiż (a) tal-Artikolu 10, senjatament il-punti (i), (v) u (vi) tiegħu. F'dawn il-każijiet, il-Kummissarju ftit li xejn għandu marġini ta' diskrezzjoni.*

2.3. *Illi b'mod mill-aktar kurjuż, għalkemm f'dan il-każ jidher li l-Kummissarju intimat qed jallaċċja d-deċiżjoni ta' rifjut mal-fatt li passat l-esponent kien instab ħati ta' xi reati, id-deċiżjoni kjarament tiċċita is-subinċiż (b) bħala l-bażi legali tagħha.*

2.4. *Illi tant il-Kummissarju intimat jaf li ma għandux raġuni li jirrifjuta l-applikazzjoni taħt is-subinċiż (a) tal-Artikolu 10 li kif spejegat fih elenku dettaljat taċ-ċirkostanzi li fihom applikazzjoni għall-liċenza għandha tiġi rifjutata, illi minflok jagħżel li jistrieħ fuq is-subinċiż (b) tal-istess Artikolu li jagħti marġini ta' diskrezzjoni pjuttost wiesa fis-sens li "<u>jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza</u>";*

2.5. *Illi bl-akbar rispett, l-esponent iħoss li l-Kummissarju intimat abbuża mid-diskrezzjoni fdata lilu mill-liġi meta huwa għażel li jiċħad l-applikazzjoni tar-rikorrent u dan minħabba li effettivament ħoloq kategorija ta' projbizzjoni fuq l-ottjeniment tal-liċenza ibbażati fuq reati u / jew kontravvenzjonijiet li mhumiex kontemplati fil-liġi nnifisha. Huwa*

*umilment sottomess li meta jgħid "l-interess pubbliku", il-leġislatur qiegħed jirreferi għal fatturi li huma lilhinn minn sejbien ta' ħtija għal reati u dan minħabba li r-reati li fil-fehma tal-leġislatur huma ostakolu għall-ottjeniment tal-liċenza huma ampjament (u esklussivament) trattati fis-subinċiż (a) tal-Artikolu 10 u ubi lex voluit dixit.*

2.6. *Illi għalhekk, jiġi umilment sottomess li d-deċiżjoni attakkata tmur kontra l-liġi u għalhekk hija ultra vires u soġġetta għal revoka.*

3. ***IT-TIENI AGGRAVJU: Fid-deċiżjoni tiegħu, il-Kummissarju intimat ikkonsidra allegati reati kommessi mill-esponent li seħħew ħafna snin qabel ma saret l-applikazzjoni***

3.1. *Illi di più, u mingħajr preġudizzju għal dak li ingħad aktar 'il fuq, ankè meta fis-subinċiż (a)(v) tal-Artikolu 10 il-leġislatur jagħmel referenza għal reati kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà, <u>li huma reati anqas serji meta kkumparati ma dawk insemmija fis-subinċiż (a)(i)</u>, il-leġislatur irid li l-projbizzjoni fuq l-ottjeniment tal-liċenzja iddum biss għal ħames (5) snin minn meta jsir ir-reat.*

3.2. *Illi għalhekk, fl-agħar ipoteżi għall-esponent, l-ispirtu tal-liġi jiddetta li kull referenza mill-Kummissarju intimat għal reati li seħħew aktar minn ħames (5) snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni mill-esponent u li m'humiex imsemmija fis-subinċiż (a)(i), li mhux il-każ, hija għal kollox fiergħa u qatt ma tista' sservi ta' ġustifikazzjoni għar-rifjut tal-liċenza.*

3.3. *Illi għall-komletezza fattwali, tajjeb jingħad li minkejja li llum il-Kummissarju intimat qiegħed jagħżel li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-esponent a bażi ta' reati li seħħew <u>saħansitra sa mis-sena 1999</u>, fid-29 ta' Marzu 2012 kien komdu li joħroġ l-istess liċenza lill-esponent bħal ma qed tiġi mitluba illum, liema liċenza kienet iġġib in-numru 0005858 u hija annessa bħala "Dok SC 3". Dan juri l-grad ta' arbitrarjetà, inkonsistenza u inġustizzja fil-mod kif il-Kummissarju intimat jevalwa l-applikazzjonijiet għal liċenza li jiġu quddiemu.*

4. ***IT-TIELET AGGRAVJU: Id-deċiżjoni kontestata hija priva minn informazzjonali importanti li hija essenzjali sabiex l-esponent jikkonduċi d-difiża tiegħu sewwa u skont il-liġi***

4.1. *Illi l-esponent huwa aggravat bil-kbir ukoll bil-fatt li fl-ittra tiegħu, il-Kummissarju intimat, bl-aktar mod vag u ġeneriku, jirreferi għal "diversi akkużi oħra bejn is-sena 1999 u is-sena 2016". B'dan in-nuqqas ta' informazzjoni, l-esponent qed jiġi menomat milli jagħmel id-difiża tiegħu sewwa għax lanqas biss huwa edott dwar dak li fuqu il-Kummissarju intimat qed jibbaża in parte ir-rifjut tiegħu. Bl-akbar rispett, jiġi sottomess illi dan*

*għandu jwassal sabiex dan il-mottiv għar-rifjut għandu jiġi injorat għal kollox minn dan it-Tribunal.*

5. ***IR-RABA AGGRAVJU: L-esponent illum għeleb il-problemi li kellu fil-passat u hemm motivazzjonijiet umani għalfejn għandu jingħata il-liċenza***

5.1. *Illi kif huwa manifest minn ċertifikat tal-kondotta riċenti tal-*esponent *li hija annessa bħala "Dok SC 4", l-istess Kummissarju intimat iċċertifika li l-esponent "huwa persuna ta' kondotta tajba" u dan minħabba li f'dawn l-aħħar snin, l-esponent qatt ma reġa' xellef difru mal-liġi. Dan il-fatt huwa korroborat ukoll minn rappreżentant ta' Caritas Malta, Stephanie Grech, li rilaxxjat ittra li tiddeskrivi l-progress magħmul mill-*esponent *matul dawn l-aħħar snin, li hija annessa bħala "Dok SC 5" għall-aħjar referenza ta' dan it-Tribunal. Hija annessa ukoll bħala "Dok SC 6" dikjarazzjoni mill-ġenituri tal-esponent Martin u Anna konjuġi Curmi li tattesta għall-progress magħmul.*

5.2. *Illi fl-aħħar nett, huwa umilment rilevat illi fid-deċiżjoni tiegħu, dan it-Tribunal għandu jkun ukoll motivat minn konsiderazzjonijiet umanitarji, u dan tenut kont li l-materja in kwistjoni hija waħda serja ħafna għax taf tfisser it-telf tal-ħobża ta' kuljum tar-rikorrent. Mingħajr il-liċenza, l-esponent effettivament ser jiġi eskluż minn kull opportunità ta' xogħol fis-*settur *li fih huwa mħarreġ u għandu esperjenza ta' xogħol preċedenti. Dan huwa ta' inkwiet u perturbazzjoni kbira lill-esponent, li issa qabad it-triq it-tajba.*

***GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob umilment illi dan it-Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u jannulla d-deċiżjoni amministrattiva tal-Kummissarju intimat kif kontenuta fl-ittra ta' rifjut tat-18 t'Awwissu 2021 u konsegwentament, jordna lill-istess Kummissarju intimat sabiex joħroġ il-liċenzja taħt l-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta) skont it-talba tal-esponent. Bl-ispejjeż kollha kontra l-Kummissarju intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.***

Ra r-risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija** ippreżentata fis-26 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi qabel xejn, u għall-kull bon fini, l-Avukat tal-Istat għadu mhuwiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-*esponent *jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-*istess esponent *li jirrifjuta l-applikazzjoni għall-liċenzja ta` gwardjan privat abbażi tal-*Artikolu 10(b) *tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

3. *Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju dan it-Tribunal mhuwiex il-forum kompetenti sabiex tiddeċiedi kwistjonijiet ta' għemil amministrattiv li allegatament huwa ultra vires. Di piu', fir-rigward tal-ewwel u tieni aggravju għandu jiġi rilevat li l-artikolu 10(a) m'għandux siwi għall-każ odjern, ġjaladarba l-esponent irrifjuta l-applikazzjoni abbażi tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jagħti diskrezzjoni lill-esponent li jirrifjuta applikazzjoni għall-liċenzja fl-interess pubbliku. Meta wieħed iħares lejn artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, jidher ċar li l-leġislatur qatt ma eskluda li applikazzjoni ma tistax tiġi rifjutat abbażi tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li r-rikorrent instab ħati ta' reati u għaldaqstant li kieku l-leġislatur ried jeskludi l-possibilita' kien jistipula tali limitazzjoni in omaġġ għall-prinċipju Ubi Lex Voluit Dixit;*

4. *Illi l-esponent jirrileva li fid-dawl tar-reati kommessi mir-rikorrent elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK COP', ma setax jilqa' l-applikazzjoni, u dan skont il-kunsiderazzjonijiet li għamel ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent huwa tal-umli fehma li r-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolu u mhux jaġixxi b'atti li suppost qed jipprevjeni hu stess f'każ li jingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat. Illi meta wieħed jikkunsidra r-reati kommessi, l-esponent ma jħossx li r-rikorrent huwa persuna idonea sabiex jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat. Huwa għalhekk raġjonevoli li l-Kummissarju tal-Pulizija wasal għal din id-deċiżjoni li jirrifjuta l-applikazzjoni;*

5. *Illi l-esponent jagħmel referenza għal sentenza li fiha dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioe` illi sabiex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrent irrid jirrikonoxxi li l-liċenzja li applika għaliha ġġorr magħha ċertu piż u responsabilità. Dan peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija,*** *deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

   > *It-Tribunal jibda biex josserva li għalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` ħtija għal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` ħtija għal ebda fini li jkun, ma jfissirx li*

*r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu għat-twettiq ta` dak ir-reat ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tingħata liċenza ta` Gwardjan Privat. Għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ġustament ħa dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ ta` liċenza ta` Gwardjan Privat......*

*B'hekk għalkemm ir-rikorrent ċertament ma huwhiex ta` xi minaċċa għas-soċjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jingħata liċenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` ġid għalih u għas-soċjeta`. Konsegwentement għalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*[1]

6. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u ċioe` mhux biss b'rabta ma` xi biża` illi l-applikant jista` jkun ta` xi periklu pubbliku f'sens kriminali. Kien għalhekk ġust u raġjonevoli l-Kummissarju tal-Pulizija li f'dawn iċ-ċirkostanzi uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi u għażel illi jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti;*

7. *Illi ikun siewi li jiġi elenkat illi, permezz tad-diskrezzjoni fdata lill-esponent, dan għamel l-almu tiegħu sabiex jibbilanċja l-interess tal-applikant mal-interess pubbliku in ġenerali. Infatti, dan jidher biċ-ċar għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija f'Marzu tal-2012 ħareġ il-liċenzja lir-rikorrent nonostante li ma kellux il-fedina penali netta iżda wara dak iż-żmien ir-rikorrent instab ħati ta' diversi reati oħra u għaldaqstant l-esponent eżerċita l-obbligi tiegħu.*

   *Illi għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost, il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent meta saħansitra ir-rikorrent wettaq reat waqt li huwa kien diġa fil-pussess tal-liċenzja ta' gwardjan privat;*

8. *Illi fir-rigward tat-tielet aggravju ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta jindika b'mod ċar illi f'każ ta' rifjut taħt l-Artikolu 10 (b) m'hemmx għalfejn jingħataw raġunijiet dettaljati iżda 'ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenzja tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku';*

9. *Illi b'referenza għar-raba' aggravju, minkejja lir-rikorrent ma ngħatax l-liċenzja ta' gwardjan dan ma jfissirx li l-istess rikorrent huwa prekluż li*

[1] Enfażi miżjud mill-esponenti

*jagħmel kull tip ta' xogħol ieħor, iżda dan ifisser biss illi ma jistax jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat proprju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xi xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk is-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponent. Il-Kummissarju tal-Pulizija wara li joħroġ il-liċenzja ma għandu ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjoni se jsib ruħu, b'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandu kull dmir li jiżen sew iċ-ċirkostanzi u jieħu deċiżjoni skont kif tkun mitluba minnu ai termini stipulati fil-Liġi.*

10. *Illi finalment b'referenza għat-talba hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**IKKUNSIDRA:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 18 ta' Awwissu 2021 li rrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat. Ir-raġuni mogħtija mill-istess Kummissarju kienet li mhux fl-interess pubbliku li tinħareġ tali liċenzja minħabba sentenzi kriminali li ngħataw fil-konfront tar-rikorrent.

Ir-rikorrent spjega illi filwaqt li huwa minnu li għadda minn żmien diffiċli fejn kien jabbuża minn sustanzi illeċiti, liema abbuż wasslu biex ikollu problemi anke mal-ġenituri tiegħu, illum il-ġurnata huwa rriforma ruħu, jgħix mal-ġenituri tiegħu u jiddispjaċieh ta' dak kollu li għamel.

In kontro-eżami r-rikorrent stqarr illi huwa kien impjegat bħala xufier tat-taxi.

Il-ġenituri tar-rikorrent, Martin u Anna Curmi, xehdu illi r-rikorrent kien fittex għajnuna mingħand il-Caritas u ilu "clean" madwar sentejn u nofs. Spjega li huma wkoll, bħala ġenituri, jattendu l-Caritas biex isegwu l-progress tiegħu. Spjegaw li meta kienu għamlu rapporti ta' vjolenza domestika fil-konfront tiegħu huma riedu jiftħulu għajnejh u qatt ma kienet l-intenzjoni tagħhom li binhom jiġi ttimbrat bħala persuna ta' kondotta ħażina jew li jħassrulu xi prospetti ta' xogħol.

Maria Caruana, rappreżentanta ta' Caritas Malta, spjegat illi r-rikorrent kien ilu snin f'kuntatt mal-Caritas u għalkemm daħal u ħareġ f'ħafna programmi, preżentement kien qiegħed tajjeb ħafna u jittiħdulu kampjuni tal-urina li minn Diċembru 2019 taw riżultati negattivi. Mistoqsija dwar il-fatt li r-rikorrent kien volontarjament iħalli l-kampjuni u allura seta' jagħżel hu meta jmur u meta ma jmurx, ix-xhud qalet illi meta persuna tkun maħkuma mill-vizzju ma toqgħodx tagħmel dawn il-kunsiderazzjonijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jibda biex jissorvola l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat, u ċioe` illi l-Avukat tal-Istat ma ġiex notifikat bir-rikors promutur.

Kif diġa' kellu l-okkażjoni jgħid f'diversi sentenzi, it-Tribunal hu tal-fehma li fi proċeduri istitwiti quddiemu, li huma proċeduri partikolari u ta' natura ben speċifika in kwantu intiżi u diretti għar-reviżjoni ta' atti amministrattivi, ma hemmx il-ħtieġa tan-notifika tar-Rikors promotur lill-Avukat tal-Istat oltre n-notifika ta' l-Awtorita` appellata, u dana stante li tali notifika la hija meħtieġa ai termini ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija l-Liġi li tirregola l-proċedura quddiem it-Tribunal, u lanqas ma hija meħtieġa mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija l-Liġi partikolari applikabbli fil-każ in eżami. Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikors li jiġi ppreżentat quddiem it-Tribunal għandu jiġi notifikat lill-amministrazzjoni mhux iktar tard minn ħamest ijiem utili mid-data tal-preżentata. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 fejn għandhom x'jaqsmu ma' l-ispeditezza tal-proċeduri għandhom jiġu osservati fil-każ tar-risposta. Għalkemm ai termini tad-disposizzjoni ġenerali kontenuta fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, senjatament l-Artikolu 181B, kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat tal-Istat, id-disposizzjonijiet speċjali relattivi għall-Liġi Amministrattiva, ossia l-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-każ in eżami l-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jesiġux tali notifika lill-Avukat tal-Istat ukoll. Għal kull buon fini jiġi osservat li ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-effett tan-nuqqas tan-notifika tar-Rikors promotur lill-Avukat tal-Istat hu li ma jibdiex jiddekorri t-terminu għar-Risposta ta' l-intimat, fil-każ in eżami terminu ta' għoxrin ġurnata. Jirriżulta illi fil-każ in eżami, l-Kummissarju

intimat ippreżenta r-risposta tiegħu fit-terminu. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Illi sorvolata din il-kwistjoni, it-Tribunal se jindirizza l-erba' aggravji mressqa mir-rikorrent, u ċioe`:

1. Illi d-deċiżjoni appellata tmur lil hinn mil-liġi;
2. Illi l-Kummissarju kkunsidra reati kommessi ħafna snin qabel;
3. Id-deċiżjoni hija nieqsa minn informazzjoni importanti u essenzjali biex ir-rikorrent jikkonduċi d-difiża tiegħu sewwa u skont il-liġi;
4. Illum il-ġurnata r-rikorrent għeleb il-problemi li kellu fil-passat u hemm motivazzjonijiet umani għala għandha tinħareġ il-liċenzja.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, ir-rikorrent isostni li l-Kummissarju intimat ma setax jieħu in konsiderazzjoni sentenzi kriminali li ngħataw fil-konfront tar-rikorrenti ladarba dawn ma kinux jaqgħu taħt l-Artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għall-aħjar intendiment ta' dan l-aggravju, it-Tribunal jirrileva illi ċ-ċitat artikolu jelenka numru ta' reati li jekk wieħed jinstab ħati tagħhom ma jkunx eliġibbli biex jottjeni liċenzja ta' gwardjan privat b'mod perpetwu jew temporanju, u dan skont in-natura tar-reat kommess.

Illi filwaqt li huwa minnu li r-reati li jirriżultaw mill-fedina penali tar-rikorrent ma jiskwalifikawx lir-rikorrent taħt l-artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu dan ma jfissirx li l-Kummissarju intimat ma jistax jieħu in konsiderazzjoni l-istess reati biex jasal għall-ġudizzju tiegħu. Illi pero`, kif se jingħad iktar 'l isfel, il-fedina penali waħidha mhux dejjem u neċessarjament, huwa kejl tajjeb biex wieħed jagħmel assessjar raġjonevoli jekk applikant hux persuna idonea o meno biex tiġi fdata bil-liċenzja ta' gwardjan privat. Kieku kien hekk allura jista' jiġi abolit kwalunkwe kunċett ta' rijabilitazzjoni li jista' jkun applikabbli għall-każ partikolari.

Illi għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi t-Tribunal se jgħaddi biex jindirizza t-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji.

Illi mid-deċiżjoni appellata esebita a fol.6 tal-proċess jirriżulta li l-Kummissarju intimat irrifjuta l-ħruġ tal-liċenzja *de quo* in vista tas-segwenti sentenzi kriminali, u ċioe`:-

1. Sentenza tat-28 ta' Novembru 2013 dwar vjolenza domestika, fost akkużi oħra;
2. Diversi akkużi oħra bejn is-sena 1999 u s-sena 2016.

Illi r-rikorrent jissottometti illi din id-deċiżjoni hija nieqsa minn informazzjoni importanti u essenzjali biex jikkonduċi d-difiża tiegħu b'mod tajjeb. Illi dan it-Tribunal jaqbel ma' dan l-aggravju għaliex huwa tal-fehma illi f'deċiżjoni ta'

awtorità pubblika għandha titniżżel informazzjoni biżżejjed biex min jirċiviha jitpoġġa mill-ewwel f'posizzjoni li jkun infurmat biċ-ċirkostanzi kollha li sawwruha. Filwaqt li huwa minnu li l-Kummissarju intimat iċċita sentenza waħda u għamel referenza għal "diversi akkużi oħra bejn is-sena 1999 u s-sena 2016", dan ma jammontax għal esposizzjoni ċara ta' informazzjoni essenzjali biex tpoġġi lil dak li jkun f'posizzjoni li jkun jista' jħejji adegwatament l-appell tiegħu fi ftit ġranet, u dan meta l-kondotta tal-Pulizija ma tkun turi ebda wieħed mir-reati li għalihom ikun hemm referenza għalih fid-deċiżjoni riċevuta. Għaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li hu konxju li ai termini tal-*proviso* ta' artikolu 11 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju m'hu tenut jagħti ebda spjegazzjoni lill-applikant jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda fl-interess pubbliku, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi amministrazzjoni tajba tirrikjedi li l-applikant ikun infurmat abbażi ta' liema sentenzi l-applikazjoni tiegħu ġiet miċħuda.

Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll mill-fatt li l-Kummissarju intimat ħa in konsiderazzjoni reati li huwa wettaq ħafna snin qabel u li ma ħax in konsiderazzjoni li llum il-ġurnata huwa rriforma ruħu.

Illi huwa evidenti, anke kif xehed ir-rikorrent u anke Maria Caruana, illi r-huwa għadda minn perjodu fejn kien jabbuża minn sustanzi illeċiti. Dan kien pjuttost perjodu twil li ċertament beda mill-2005 'il quddiem. Illi f'dan il-perjodu ngħataw is-segwenti sentenzi prinċipali fil-konfront -tiegħu, u ċioe`:

1. Sentenza tal-15 ta' Frar 2008 fejn instab ħati ta' serq u misapproprazzjoni ta' ittri li kienu destinati għal diversi persuni u dan meta kien jaħdem bħala pustier. Għal dawn ir-reati huwa ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet (3) snin;
2. Sentenza tat-28 ta' Novembru 2013 fejn instab ħati li bl-imġieba tiegħu ikkaġuna biża' lil ommu Anna Curmi li se tintuża vjolenza kontriha, kif ukoll li ġab ruħu b'mod li taha fastidju. Permezz tal-istess sentenza instab ħati wkoll li wettaq reat waqt l-operazzjoni ta' sentenza ta' libertà kundizzjonata. Għal dawn ir-reati huwa ġie kkundannat ħames (5) xhur priġunerija;
3. Sentenza tas-6 ta' Mejju 2013 fejn instab ħati ta' pussess ta' eroina u li kkommetta reat waqt l-operazzjoni ta' sentenza ta' libertà kundizzjonata. Huwa ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Probation għal żmien tmintax (18)-il xahar u mmultat ħamsin ewro (€50).

Illi t-Tribunal jifhem ir-responsabbilita` kbira li l-Kummissarju intimat għandu fil-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat meta wieħed iqis in-natura tad-dmirijiet tal-istess gwardjani. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bħala miżien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-oħra hemm id-dritt li persuna tiġi konċessa lilha l-liċenzja in kwistjoni. Biex wieħed isib bilanċ jista' jkun eżerċizzju diffiċli u delikat. Ħafna drabi, każijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal għaliex proprju il-keffa tal-interess pubbliku tingħata aktar piż mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-liċenzja in kwistjoni u l-eżerċizzju li

dan it-Tribunal irid jagħmel huwa li jara jekk dak il-piż li ngħata lill-interess pubbliku kienx wieħed ġustifikat fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi t-Tribunal josserva illi l-Kummissarju intimat ma ppreżenta ebda sentenza minn dawk elenkati hawn fuq u t-Tribunal allura se jkollu jistrieħ fuq il-fedina penali esebita, liema fedina penali naturalment tirrifletti biss ir-reati u l-piena u xejn iżjed minn dak li seta' ntqal fl-istess sentenzi. It-Tribunal josserva wkoll illi għajr dak kontenut fir-risposta tiegħu, il-Kummissarju intimat ma spjegax quddiem dan it-Tribunal il-kunsiderazzjonijiet li għamel u x'ċirkostanzi mmilitaw kontra l-ħruġ tal-liċenzja in kwistjoni. Illi għalkemm fir-risposta ngħad li wara li ra r-reati kommessi, ħass li r-rikorrent ma huwiex persuna idonea biex tagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat, it-Tribunal huwa tal-fehma illi fi proċeduri quddiemu, il-Kummissarju intimat irid jispjega b'ċertu dettall x'kien li wasslu għad-deċiżjoni tiegħu. Għal dan it-Tribunal mhuwiex biżżejjed li wieħed jagħti ħarsa biss lejn il-fedina penali iżda jrid jiġi spjegat b'mod iktar ċar x'wassal għad-deċiżjoni tar-rifjut, u dan speċjalment meta r-rifjut ikun abbażi tal-interess pubbliku.

Illi t-Tribunal, jifhem li żball tal-passat, sakemm wieħed jagħraf li żbalja u jiddispjaċieh għal tali żball, m'għandux iżommu milli jkompli b'ħajtu, dan iktar u iktar meta l-iżbalji jkunu saru x'aktarx minħabba d-dipendenza fuq id-droga. B'dana kollu t-Tribunal m'hu qed inaqqas xejn mill-gravita` tar-reati li wettaq ir-rikorrent. Pero`, min-naħa l-oħra, it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma nġabet l-ebda prova konkreta da parti tal-Kummissarju intimat li r-rikorrent jista' jkun ta' xi theddida għall-interess pubbliku u dan meta wieħed iqis il-provi mressqa mir-rikorrent li juru pjuttost il-kontra, u ċioe` li ħuwa jrid verament jimxi 'l quddiem b'ħajtu u qiegħed jirsisti biex itejjeb ix-xogħol tiegħu. Illi dan it-Tribunal, minn dak li sema' ma jista' jirriskontra l-ebda ċirkostanza oġġettiva li tqajjem f'moħħu dak l-allarm li r-rikorrent jista' jipperikola l-*benessere* tal-pubbliku. Illi għaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrent għandu jingħata dan iċ-ċans, biex jekk verament irid, jimxi 'l quddiem b'ħajtu, pero` dejjem irid iżomm f'moħħu li l-fiduċja li jista' qed jagħtih dan it-Tribunal irid jibqa' kontinwament jaħdem għaliha sabiex ma jitlifhiex.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal iqis li l-Kummissarju intimat għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq.

Finalment it-Tribunal jirrimarka illi huwa jista' biss jannulla d-deċiżjoni appellata u mhux jordna, kif mitlub, lill-Kummissarju intimat japprova l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-liċenzja ta' gwardjan privat. Tali diskrezzjoni hija mħollija biss f'idejn il-Kummissarju intimat.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi fil-parametri espressi hawn fuq, jilqa' l-appell tar-rikorrent u jiċħad

ir-risposta tal-Kummissarju intimat. Konsegwentement qiegħed iħassar u jannulla d-deċiżjoni appellata datata 18 ta' Awwissu 2021.

Bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju intimat.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**